MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-8 ta' Gunju, 2006

Rikors Numru. 451/2006

**BUXOM POULTRY LIMITED**

**vs**

**Joseph Mary CARDONA**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq mill-esekutat Joseph Mary Cardona fid-19 ta’ Mejju, 2006, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija talab li din il-Qorti (a) tisma’ l-kawża b’urġenza, (b) tordna l-allegazzjoni tal-atti tal-proċeduri ta’ r-Rikors 573/06GCD dekretat fit-12 ta’ Mejju, 2006, (ċ) tħassar il-Mandat ta’ Sekwestru maħruġ kontra tiegħu mis-soċjeta’ esekutanti intimata fis-27 ta’ Mejju, 2005, u dan minħabba li hemm garanzija xierqa oħra sabiex tissoddisfa l-pretensjonijiet tal-istess soċjeta’ esekutanti, u (d) ukoll li l-Qorti tikkundanna lill-imsemmija soċjeta’ intimata tħallas penali lir-rikorrenti;

Rat id-degriet tagħha tal-31 ta’ Mejju, 2006, li bih qegħdet ir-Rikors għas-smigħ u ordnat in-notifika lis-soċjeta’ esekutanti intimata;

Rat it-Tweġiba mressqa fis-sura ta’ verbal mis-soċjeta’ intimata waqt is-smigħ tallum, li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, qalet li (a) fl-ewwel lok is-smigħ ta’ din it-talba għandu jieqaf ladarba talba oħra li kienet saret żmien ilu biex dan l-istess Mandat jitħassar kienet ġiet miċħuda diġa’ minn din il-Qorti; u (b) li r-raġuni li fuqha jsejjes ir-rikors tiegħu l-eżekutat ma twassalx għat-tħassir tal-Mandat;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tar-rikors, u kif ukoll tar-Rikors 573/06GCD dekretat fit-12 ta’ Mejju, 2006;

Rat id-degriet tagħha tallum li bih ħalliet il-kawża għad-degriet kamerali;

***Ikkunsidrat:***

Illi r-rikorrent qiegħed jitlob it-tħassir ta' Mandat ta' Sekwestru li nħareġ kontrih fis-27 ta' Mejju, 2005[1], fuq talba tas-soċjeta' intimata, bil-kawżali dikjarata ta' "spejjeż ta' flieles mibjugħin lill-konvenut u mhux ikkonsenjati lura lis-soċjeta' attriċi msemmnin". It-talba ntlaqgħet dak inhar li tressaq il-Mandat. F'Lulju tal-2005, ir-rikorrenti kien talab it-tħassir tal-imsemmi Mandat iżda l-Qorti, b'degriet tagħha tat-2 ta' Novembru, 2005[2], kien ċaħdet it-talba tar-rikorrent. Il-pretensjonijiet tas-soċjeta' intimata llum il-ġurnata jiffirmaw il-mertu ta' kawża li l-istess soċjeta' fetħet kontra r-rikorrenti[3]. Fil-11 ta' April, 2006, is-soċjeta' intimata talbet u kisbet ukoll il-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni kontra r-rikorrent[4]. Fis-17 ta' April, 2006, ir-rikorrent talab it-tħassir tal-Mandat ta' Inibizzjoni. Din il-Qorti (diversament presjeduta) ċaħdet it-talba b'degriet tagħha tat-12 ta' Mejju, 2006[5];

Illi r-rikorrenti jgħid li l-Mandat ta' Sekwestru għandu jitħassar għaliex bil-fatt li s-soċjeta' intimata talbet u ħarġet Mandat kawtelatorju ieħor, jiġi li l-pretensjonijiet tagħha huma mħarsin kif jixraq u biżżejjed b'dak il-Mandat;

Illi s-soċjeta intimata eżekutanti, qabel xejn, qanqlet il-kwestjoni li din it-talba tar-rikorrent m'għandhiex tkompli tinstama' ladarba talba oħra li r-rikorrent għamel qabilha ma kinitx intlaqgħet mill-Qorti kif issa presjeduta;

---

[1] Paġġ. 5-6 tal-proċess
[2] Fl-atti tar-Rikors Nru. 632/05JRM
[3] Rik. Nru.312/06JRM
[4] Mandat 573/06
[5] Atti tar-Rikors 573/06GCD

Illi l-Qorti jeħtiġilha tistħarreġ din l-eċċezzjoni qabel kull ħaġa oħra. Huwa minnu li din il-Qorti, kif ingħad qabel, tat degriet fit-2 ta' Novembru, 2005, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissrin, kienet ċaħdet it-talba tar-rikorrent li tordna t-tħassir tal-istess Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju. Il-kawżali ta' dik it-talba ma kinux l-istess bħall-kawżali li fuqha llum ir-rikorrent jibni t-talba tiegħu. Minbarra dan, il-liġi ma tgħid xejn li talba għal tħassir ta' Mandat kawtelatorju miċħuda fuq kawżali partikolari kif maħsuba fl-artikolu 836(1) tal-kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, ma tistax issir mill-ġdid taħt kawżali oħra, jew għaliex ikunu nbidlu sewwa ċ-ċirkostanzi dwar l-istess Mandat minn mindu jkun ingħata d-degriet ta' qabel. Il-liġi[6] ma tħallix li jsir appell biss f'każ li t-talba għall-ħruġ ta' Kontro-Mandat tintlaqa'. Dan ifisser li l-liġi ma twaqqaf bl-ebda mod il-kontestazzjoni dwar deċiżjoni li tkun ċaħdet it-talba għall-ħruġ tal-Kontro-Mandat. Tali kontestazzjoni tista' ssir permezz ta' appell, jew tista' ssir aktar 'il quddiem sewwasew minħabba li tkun tnisslet ċirkostanza ġdida li tista' titqiegħed taħt xi waħda mis-sitt kontinġenzi maħsuba fl-artikolu 836(1) tal-Kodiċi;

Illi, għalhekk, l-ewwel "eċċezzjoni" tas-soċjeta' intimata eżekutanti m'hijiex mistħoqqa u l-Qorti ma tarax għaliex għandha tieqaf milli tqis it-talba tar-rikorrent;

Illi l-Qorti sejra tistħarreġ ir-raġuni li r-rikorrenti jsemmi bħala raġuni biex din il-Qorti tħassar, għal kollox jew f'biċċa minnu l-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju maħruġ kontrih. F'dan il-każ, hemm raġuni waħda u din hija l-fatt li, bil-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni, l-intimata għandha garanzija oħra xierqa biex tagħmel tajjeb għall-pretensjonijiet tagħha kontrih: pretensjonijiet li, fil-mertu, huwa jikkontesta għal kollox;

Illi **dwar il-kawżali li teżisti garanzija oħra** (Art. 836(1)(ċ) tal-Kap 12)**,** irid jintwera li tali garanzija trid tkun tinstab fi ħdan l-istess

[6] Art.836(5) tal-Kap 12

persuna eżekutata, u dan, ġeneralment, minn stħarriġ tal-ġid li hija jista' jkollha, ukoll jekk tali garanzija hija kostitwita "bil-ħruġ ta' att kawtelatorju ieħor". Kreditu li jista' jkun dovut lill-persuna eżekutata minn terza persuna ma jammontax bħala garanzija adegwata fil-konfront ta' intimat eżekutat ieħor[7]. Iżda, min-naħa l-oħra, l-biżgħa li l-ġid alternativ li jitressaq bħala garanzija jista' jintuża mid-debitur eżekutat biex jiggarantixxi xi obbligazzjoni oħra m'għandhiex, waħedha, sservi biex tirrendi dak il-ġid bħala mhux xieraq bħala garanzija alternativa għall-pretensjoni tal-eżekutant[8]. Wara kollox, il-Qorti tista' dejjem torbot lil min iressaq il-garanzija alternativa xierqa biex ma jagħmel xejn dwar dak il-ġid li bih jista' jnaqqas jew ixellef is-saħħa ta' dik il-garanzija. Dak li huwa meħtieġ fil-garanzija alternattiva msemmija huwa li din trid tkun waħda soda u ċara u tkun tikkonsisti fi flus li jkunu disponibbli jew f'assi faċilment rejalizzabbli[9];

Illi, f'materja ta' garanzija xierqa alternativa, l-piż tal-prova li jeżisti ġid ieħor li jista' jagħmel tajjeb għall-pretensjonijiet tal-intimat eżekutant jaqa' biss fuq il-parti eżekutata rikorrenti[10];

Illi, fil-każ preżenti, r-rikorrent ressaq prova li turi li r-razzett u r-raba' li ntlaqat bil-Mandat ta' Inibizzjoni huwa biżżejjed biex jagħmel tajjeb f'każ li s-soċjeta' intimata tirbaħ il-kawża li fetħitlu. Minbarra dan, bis-saħħa tal-imsemmi Mandat, huwa miżmum milli b'xi mod jittrasferixxi jew tgħabbi dak il-ġid b'xi piż. Min-naħa tagħha, is-soċjeta' intimata eżekutanti tgħid li ma għandha l-ebda prova li l-ġid li laqtet bil-Mandat ta' Inibizzjoni jiswa biżżejjed biex ikopri l-pretensjonijiet tagħha. Minbarra dan, hija tgħid li minkejja l-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni, ma jinġiebx fix-xejn is-siwi li jibqa' fis-seħħ ukoll il-Mandat ta' Sekwestru li tiegħu qiegħed jintalab it-tħassir;

---

[7] Ara P.A. TM **18.9.2002** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***John Żarb vs Port Cottonera Ltd.***
[8] Ara P.A. TM **5.6.2003** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Emanuel Sammut et vs Josephine Sammut***
[9] P.A. TM **20.2.2003** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Ranger Company Limited vs Euro Imports Limited***
[10] Ara P.A. GC **3.8.2001** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Dr. Tonio Fenech noe vs Dr. Patrick Spiteri pro et noe et***

Illi l-Qorti qieset sewwa l-fatti li joħorġu u s-sottomissjonijiet tal-avukati tal-partijiet u tqis li, fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet ta' dritt magħmula aktar qabel, it-talba tar-rikorrenti hija mistħoqqa. Il-Mandat ta' Inibizzjoni nħareġ sewwasew għaliex il-Mandat ta' Sekwestru ma tax lis-soċjeta' intimata garanzija biżżejjed li fondi jew flejjes tal-intimat eżekutat kienu nqabdu biex jagħmlu tajjeb għall-pretensjonijiet fl-istess Mandat. Tqis ukoll li, meta wieħed jikkonsidra l-ammont tal-pretensjoni tal-kumpannija intimata, l-ġid milqut bil-Mandat ta' Inibizzjoni jiswa mqar daqs kemm hija l-pretensjoni tal-istess kumpannija. F'dan ir-rigward, l-oġġezzjoni tal-għaref difensur tal-kumpannija intimata fis-sens li ma tressqitx valutazzjoni biex turi kemm jiswa l-ġid tar-rikorrent milqut bil-Mandat ta' Inibizzjoni ma tistax titqies valida biżżejjed biex ixxejjen il-fatt li dak il-ġid qiegħed jagħti garanzija xierqa lill-istess kumpanija intimata dwar il-pretensjonijiet tagħha;

Illi **dwar it-tieni talba tar-rikorrenti** irid jingħad li din hija sanzjoni fakoltativa. Il-Qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, <u>tista'</u> taqbel li tgħabbi lil min ikun ħareġ Mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta' din, b'piena ta' ħlas ta' penali. Minbarra li tali impożizzjoni hija fakultativa[11], irid jintwera għas-sudisfazzjon tal-Qorti li trid tkun seħħet waħda miċ-ċirkostanzi maħsubin mil-liġi biex tali sanzjoni tiġi imposta. Għalkemm il-liġi tagħti lill-Qorti diskrezzjoni jekk timponix penali, il-liġi trid li l-penali tkun inflitta jekk jirriżultaw l-estremi maħsuba mil-liġi u tista' tagħżel biss li ma timponix tali penalita' f'każijiet estremi fejn is-sens ta' ġustizzja hekk jimponi[12], u dan għaliex penali bħal dik hija meqjusa bħala miżura ta' ordni pubbliku maħsuba li tara li tinżamm is-serjeta' tal-proċediment ġudizzjarju u teħles mill-abbuż li jista' jsir bl-atti kawtelatorji;

Illi l-liġi ssemmi erbgħa (4) ċirkostanzi f'dan ir-rigward u, ladarba huma sanzjoni punittiva, għandhom jitqiesu strettament bħala tassattivi[13]. F'dan il-każ, ir-rikorrenti qegħda ssejjes il-pretensjoni

[11] Ara, per eżempju, P.A. RCP **30.5.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Yorkie Clothing Ind. Ltd. vs Calleja Cremona***
[12] App. Ċiv. **13.3.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Rapa vs Raymond Sammut***
[13] Ara P.A. TM **13.3.2003** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Cole Foods Ltd. vs Euro Imports Ltd.***

tagħha fuq waħda minnhom, sewwasew dik iċ-ċirkostanza maħsuba taħt l-artikolu 836(8)(d) tal-Kap 12, li titkellem dwar Mandat maħruġ b'malizja jew għal raġuni fiergħa jew biex iddejjaq lill-parti li kontriha jinħareġ dak il-Mandat;

Illi minn dak li joħroġ mill-atti, ma jirriżultax lill-Qorti li l-Mandat li tiegħu r-rikorrenti qegħda titlob it-tħassir, inħareġ mis-soċjeta' intimata b'ħażen jew bla ebda raġuni. Min-naħa l-oħra, jirriżulta li l-Mandat in kwestjoni (għalkemm m'huwiex l-uniku wieħed maħruġ mis-soċjeta' eżekutanti dak inhar) kien l-ewwel att ġudizzjarju maħruġ fil-konfront tar-rikorrenti eżekutata. Il-pretensjonijiet dedotti fil-Mandat kienu fil-fatt jiffurmaw il-bażi tal-kawża li nfetħet ftit jiem wara. Jidher li r-rikorrent qiegħed jgħaqqad f'ħaġa waħda l-ħruġ ta' Mandat maż-żamma tiegħu fis-seħħ. Il-liġi, fl-artikolu 836(8)(d), tikkontempla biss **iċ-ċirkostanza ta' ħruġ** b'malizzja jew għal raġuni fiergħa jew biex iddejjaq tal-Mandat li jkun. F'dik id-dispożizzjoni ma jidhirx li titkellem ukoll dwar **iż-żamma fis-seħħ** tal-Mandat li jkun, liema ċirkostanza jidher li hija maħsuba fl-artikolu 836(8)(b);

Illi, minħabba f'hekk, din it-tieni talba tar-rikorrenti ma jidhirx li jistħoqqilha tintlaqa';

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi li:

**Tilqa' l-ewwel talba** tar-rikorrenti u tordna t-tħassir tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju maħruġ fis-27 ta' Mejju, 2005, fl-ismijiet "*Buxom Poultry Limited vs Joseph Mary Cardona*" (Mandat 906/05), bl-ispejjeż kontra s-soċjeta' intimata eżekutanti; u

**Tiċħad it-tieni talba** billi ma tirriżultax mistħoqqa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------